

Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

- 2) L-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (?), għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-għoti ta' kumpens għal telf ta' dħul imġarrab mill-ħaddiema minħabba l-iżolament tagħhom ordnat mill-awtoritajiet tas-saħħa fil-każ ta' test pożittiv tal-COVID-19 (fejn il-kumpens jitħallas inizjalment mill-persuna li timpjega lill-ħaddiema u d-dritt għall-kumpens mingħand l-Istat Federali jiġi sussegwentement ittrasferit lill-persuna li timpjega) huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-iżolament jiġi ordnat minn awtorità interna abbażi ta' dispożizzjonijiet epidemjoloġiċi tad-dritt nazzjonali, bil-konsegwenza li l-ħaddiema fruntaliera li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor u li l-iżolament tagħhom ("kwarantana") jiġi ordnat mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istat Membru ta' residenza tagħhom, ma jingħatawx tali kumpens?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72.

(²) ĠU 2011 L 141, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Portugall)
fil-21 ta' Ġunju 2022 – Autoridade Tributária e Aduaneira vs NT**

(Kawża C-412/22)

(2022/C 359/47)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal Administrativo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Autoridade Tributária e Aduaneira

Konvenut: NT

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/78 tas-26 ta' Frar 2016 li jħassar id-dazju anti-dumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfili tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiżi għall-importazzjonijiet ta' ċerti qfili tal-ħadid u tal-azzar ikkunsinjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le (¹), jista' jiġi interpretat fis-sens li t-tħassir tad-dazju antidumping, minbarra li japplika għal data futura, mit-28 ta' Frar 2016, ikopri, ukoll, importazzjonijiet ta' qfili suġġetti għal dawn id-dazji, li seħħew sas-27 ta' Frar 2016, iżda li l-likwidazzjoni (ta' dazji antidumping u ħlasijiet oħra) sseħħ f'data wara t-28 ta' Frar 2016 (irkupru *a posteriori*)?
- 2) Is-sens tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda jista' jkun differenti li kieku kellu jitqies li l-irkupru *a posteriori* joriġina minn ċertifikat, li l-estrazzjoni tiegħu ġie ordnat, permezz ta' digriet tal-21 ta' April 2017, mill-proċedura ta' investigazzjoni kriminali bbażata fuq il-provi prodotti mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni OLAF CASE OF/2010/0697, AM 2010/016-(2012)S01, fejn jiġi konkluż li l-merkanzija esportata lejn il-Komunità Ewropea stivata fil-kontenituri [...] u [...] fit-3 ta' April 2010 u fil-kontenituri [...] u [...] fl-24 ta' April 2010, kienu ta' oriġini mhux preferenzjali Ċiniża?

(¹) ĠU 2016, L 52, p. 24.